IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 16.4.2010
KUMM(2010)160 finali C7-0118/10

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONILILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

**dwar l-aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għall-2011 skont il-movimenti fid-DGN, inkluż l-aġġustament tal-ammonti allokati minn fondi li jappoġġjaw il-koeżjoni lill-Istati Membri kkonċernati bid-diverġenza bejn il-PGD stmat u dak attwali għall-perjodu 2007-2009**

ippreżentata skont il-punti 16 u 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONILILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għall-2011 skont il-movimenti fid-DGN, inkluż l-aġġustament tal-ammonti allokati minn fondi li jappoġġjaw il-koeżjoni lill-Istati Membri kkonċernati bid-diverġenza bejn il-PGD stmat u dak attwali għall-perjodu 2007-2009**

## 1. INTRODUZZJONI

Fl-2010, eċċezzjonalment, l-aġġustament tekniku annwali tal-qafas finanzjarju għall-2011 jirrigwarda mhux biss l-aġġustament regolari għall-movimenti fil-prezzijiet u d-DGN (Punt 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali (IIA) tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba[1]) iżda wkoll aġġustament għall-intestatura 1B (Punt 17 tal-IIA).

Fil-fatt, il-Punt 17 tal-IIA jiddikjara li, "*fl-aġġustament tekniku tagħha għas-sena 2011, jekk ikun stabbilit li l-GDP akkumulat ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri għas-snin 2007-2009 ikun varja b'aktar minn +/- 5% mill-GDP akkumulat stmat waqt it-tfassil tal-Ftehim preżenti, il-Kummissjoni taġġusta l-ammonti allokati minn fondi li jappoġġjaw il-koeżjoni għal dan l-Istat Membru għal dak il-perjodu…*". Il-Punt 17 jintroduċi wkoll l-ewwel kundizzjoni li l-effett nett totali, kemm jekk pożittiv u kif ukoll jekk negattiv, ta' dawn l-aġġustamenti ma jistax jaqbeż it-EUR 3 biljun u b'mod partikolari kundizzjoni oħra li, f'każ li l-effett nett huwa pożittiv, "*ir-riżorsi addizzjonali totali għandhom ikunu limitati għal-livell ta' nfiq inqas meta mqabbel mal-limiti massimi tas-subintestatura 1 B għas-snin 2007-2010*". Fl-aħħar nett, il-Punt 17 jistipula li "*l-aġġustamenti meħtieġa jinfirxu fi proporzjonijiet ugwali tul is-snin 2011-2013 u l-ammonti massimi korrispondenti jkunu modifikati skont dawn.*"

Skont il-punt 16 tal-IIA, il-Kummissjoni se tagħmel, qabel il-proċedura baġitarja għas-sena n+1, aġġustament tekniku għall-qafas finanzjarju li jaqbel mal-movimenti fid-dħul gross nazzjonali (DGN) u l-prezzijiet tal-UE u tikkomunika r-riżultati liż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja. F'dak li jirrigwarda l-prezzijiet, il-limiti massimi tal-infiq bi prezzijiet kurrenti huma stabbiliti bl-użu tad-deflatur fiss ta' 2% previst fil-punt 16 tal-IIA. F'dak li jirrigwarda l-movimenti tal-DGN, il-Komunikazzjoni preżenti tinkludi l-aħħar tbassir ekonomiku disponibbli.

Il-għan ta' din il-komunikazzjoni huwa li jiġi ppreżentat lill-awtorità tal-baġit ir-riżultat tal-aġġustament tekniku (UE-27) għall-2011 skont il-Punti 16 u 17 tal-IIA.

[1] ĠU C 139, 14.06.2006, p. 1.

## 2. AĠĠUSTAMENT TAL-LIMITI MASSIMI 2011-2013 GĦALL-INTESTATURA 1B (PUNT 17)

### 2.1. *Eliġibilità tal-Istati Membri*

Skont il-Punt 17 tal-IIA, il-Kummissjoni għandha taġġusta l-ammonti allokati mill-fondi li jappoġġjaw il-koeżjoni għal kull Stat Membru li għalih il-PGD kumulat għall-2007-2009 ikun tbiegħed b'aktar minn +/- 5% mill-PGD kumulat stmat fiż-żmien li fih tfassal l-IIA. Id-diverġenza għandha għalhekk titkejjel bejn l-istatistika ppubblikata f'April 2005[2] u dik ippubblikata f'Novembru 2009, li tirrappreżenta l-aktar dejta riċenti disponibbli.

Din id-dispożizzjoni għandha applikazzjonijiet prattiċi biss għal dawk l-Istati Membri li l-allokazzjoni globali tal-koeżjoni tagħhom hija suġġetta għal limiti massimi[3], jiġifieri, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja. L-ammonti allokati minn fondi li jappoġġjaw il-koeżjoni għall-Istati Membri l-oħra mhumiex affettwati mid-diverġenza tal-2007-2009 fil-PGD.

It-tqabbil bejn iż-żewġ settijiet ta' dejta statistika jagħti r-riżultat li ġej:

| DIVERĠENZA TAL-PGD GĦALL-ISTATI MEMBRI SUĠĠETTI GĦAL-LIMITI MASSIMI *(f'miljuni ta' euro)* | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| SM | PGD April 2005 | | | | PGD Novembru 2009 | | | | Bidla fil-PGD akkumulat (f'%) |
| | prezzijiet tal-2004 | | | | prezzijiet tal-2004 | | | | |
| | 2007 | 2008 | 2009 | 2007-2009 | 2007 | 2008 | 2009 | 2007-2009 | 2007-2009 |
| BG | 22,912 | 24,333 | 25,841 | 73,086 | 23,836 | 25,270 | 23,787 | 72,893 | -0.3% |
| CZ | 96,288 | 98,984 | 101,558 | 296,830 | 106,370 | 108,991 | 103,761 | 319,121 | 7.5% |
| EE | 10,692 | 11,430 | 12,219 | 34,341 | 12,493 | 12,047 | 10,402 | 34,942 | 1.8% |
| LV | 13,591 | 14,556 | 15,575 | 43,723 | 15,258 | 14,563 | 11,945 | 41,766 | -4.5% |
| LT | 21,431 | 22,653 | 23,921 | 68,005 | 23,188 | 23,828 | 19,510 | 66,526 | -2.2% |
| HU | 89,668 | 92,807 | 96,055 | 278,530 | 89,840 | 90,419 | 84,574 | 264,833 | -4.9% |
| PL | 221,697 | 230,565 | 239,326 | 691,588 | 240,056 | 252,069 | 255,084 | 747,209 | 8.0% |
| RO | 68,474 | 72,308 | 76,430 | 217,211 | 72,943 | 77,494 | 71,313 | 221,750 | 2.1% |
| SK | 38,193 | 40,026 | 42,028 | 120,247 | 43,441 | 46,218 | 43,527 | 133,186 | 10.8% |

L-ebda Stat Membru m'għandu diverġenza negattiva tal-PGD ta' aktar minn 5%. Għalhekk m'hemm l-ebda ħtieġa li jitnaqqas l-ammont allokat lil xi Stat Membru. Min-naħa l-oħra, hemm tliet Stati Membri li għandhom diverġenza pożittiva li taqbeż il-5%: ir-Repubblika Ċeka (+ 7.5%), il-Polonja (+ 8.0%) u s-Slovakkja (+ 10.8%). L-ammonti allokati mill-fondi li jappoġġjaw il-koeżjoni għal dawn l-Istati Membri għalhekk għandhom jitnaqqsu.

### 2.2. *L-istabbiliment tal-ammont globali ta' nfiq anqas mill-ammont allokat'*

Ladarba l-effett nett tal-aġġustament se jkun pożittiv, huwa neċessarju li jiġi ddeterminat il-livell ta' nfiq anqas mill-ammont allokat' imqabbel mal-limiti massimi

[2] Il-Punt 9 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006.

[3] Il-Punti 7, 8 u 11 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006.

għas-subintestatura 1B għas-snin 2007-2010. Dan l-'infiq anqas mill-ammont allokat' jikkonsisti fi tliet elementi differenti[4]:

- it-total tad-differenzi bejn il-limiti massimi għall-intestatura 1 B għal kull waħda mis-snin 2007 sa 2010 u l-approprjazzjonijiet għall-impenji bbaġittjati għall-perjodu;
- l-approprjazzjonijiet għall-impenji kkanċellati (jew li skadew) taħt l-intestatura 1 b għal kull waħda mis-snin 2007 sa 2010, esklużi l-ammonti tal-2007 trasferiti għas-snin ta' wara taħt il-punt 48 tal-Ftehim Interistituzzjonali[5];
- id-diżimpenji tas-snin 2007-2010 kienu jirrigwardaw in-nefqa tal-koeżjoni, esklużi l-ammonti li jirrigwardaw il-Gwida FAEGG u l-FIFG.

Id-dettalji tal-'infiq anqas mill-ammont allokat' huma mogħtija fit-tabella ta' hawn taħt, fejn titqies id-dejta l-aktar reċenti li hi disponibbli.

| AMMONT TOTALI TA' 'INFIQ ANQAS MILL-AMMONT ALLOKAT' | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *(euro, fi prezzijiet kurrenti)* | **2007** | **2008** | **2009** | **2010** | **2007-2010** |
| Il-marġini li jibqa' taħt il-limitu massimu tal-M | 215,496 | 11,051,280 | 115,331 | 407,908 | 11,790,015 |
| Skadenza tal-approprjazzjonijiet għall-impen | 42,787,703 | 19,160,452 | 15,389,737 | | 77,337,892 |
| *-li minnhom: ERDF* | *29,717,900* | *8,838,287* | *7,043,668* | | *45,599,856* |
| *ESF* | *6,259,180* | *2,488,174* | *3,542,515* | | *12,289,869* |
| *CF* | *6,810,622* | *7,833,991* | *4,803,554* | | *19,448,167* |
| Ammonti diżimpenjati | 323,264,877 | 318,477,242 | 276,279,461 | | 918,021,581 |
| *-li minnhom: ERDF* | *124,407,271* | *149,551,124* | *133,199,660* | | *407,158,056* |
| *ESF* | *108,725,892* | *133,800,548* | *64,175,778* | | *306,702,218* |
| *CF* | *90,131,714* | *35,125,570* | *78,904,023* | | *204,161,307* |
| **Total** | **366,268,076** | **348,688,975** | **291,784,529** | **407,908** | **1,007,149,488** |

Ir-riaġġustament pożittiv għall-Istati Membri kollha kkonċernati għalhekk se jkun ristrett globalment għal ammont ta' EUR 1 007 miljun. Dan l-ammont jirrispetta l-ewwel limitazzjoni li tillimita l-effett totali nett tal-aġġustamenti għal EUR 3 biljun.

### 2.3. *Aġġustament tal-limiti massimi 2011-2013 għall-Intestatura 1B*

Fuq il-bażi tal-allokazzjonijiet globali skont l-Istat Membru għall-perjodu 2007-2009, l-aġġustament pożittiv teoretikament kien jammonta għal EUR 3 331 miljun. Madankollu, fid-dawl tal-limitazzjoni ppreżentata mil-livell ta' nfiq anqas mill-ammont allokat', l-aġġustamenti pożittivi huma mnaqqsa proporzjonatament kif ġej:

4 Kif spjegat fid-Dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni 'Fiche 99' tal-15 ta' Frar 2006.

5 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2008 (ĠU 128/8 16.5.2008)

| AĠĠUSTAMENT TOTALI SKONT L-ISTAT MEMBRU (f'euro, fi prezzijiet kurrenti) | | | | |
|---|---|---|---|---|
| SM | Allokazzjoni totali intestatura 1 B | Bidla fil-PGD akkumulat | Aġġustament teoretiku | Aġġustament attwali ristrett għall-'infiq inqas mill-ammont allokat' |
| | 2007-2009 | 2007-2009 | 2011-2013 | 2011-2013 |
| CZ | 10,440,261,659 | 7.5% | 784,045,993 | 237,045,801 |
| PL | 26,007,799,809 | 8.0% | 2,091,682,418 | 632,392,153 |
| SK | 4,233,110,456 | 10.8% | 455,490,779 | 137,711,534 |
| TOTAL | 40,681,171,924 | | 3,331,219,190 | 1,007,149,488 |

L-aġġustamenti meħtieġa jinħtieġ li jkunu mifruxa fi proporzjonijiet ugwali tul is-snin 2011-2013. Minbarra dan, l-aġġustamenti li jikkorrispondu magħhom tal-limiti massimi għall-intestatura 1 B jinħtieġ li jsiru f'miljuni ta' euro.

Il-limiti massimi għall-approprjazzjonijiet għall-impenji għall-intestatura 1 B (fi prezzijiet kurrenti) huma għalhekk miżjuda kif ġej:

- 2011: + 336 miljun
- 2012: + 336 miljun
- 2013: + 336 miljun

## 2.4. *Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet*

Il-Punt 23, ir-raba' paragrafu tal-Ftehim Interistituzzjonali jistipula li kwalunkwe reviżjoni għandha żżomm relazzjoni xierqa bejn l-impenji u l-ħlasijiet. Għaldaqstant, il-limiti massimi annwali għall-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet jinħtieġ li jiġu mmodifikati fuq il-bażi tal-profili tal-ħlas previsti għall-impenji addizzjonali taħt l-intestatura 1 b. Fid-dawl tal-fatt li l-biċċa l-kbira tal-ħlasijiet li jirrigwardaw din iż-żieda fl-impenji huma mistennija li jseħħu wara l-2013, iż-żieda fil-limiti massimi tal-ħlas tibqa' limitata.

Il-limiti massimi għall-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (fi prezzijiet kurrenti) huma għalhekk miżjuda kif ġej:

- 2011: + 17-il-miljun
- 2012: + 87 miljun
- 2013: + 187 miljun

## 2.5. *Tabella fil-qosor u konklużjoni.*

It-tabella t'hawn taħt tiġbor fil-qosor il-bidliet proposti lil-limiti massimi tal-approprijazzjonijiet għall-impenji u l-ħlasijiet fil-qafas finanzjarju. L-ammonti huma espressi fi prezzijiet attwali:

| (miljuni ta' EUR) | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2007-2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1b. Koeżjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi** | | | | | 336 | 336 | 336 | 1,008 |
| **Bidla totali fl-approprjazzjonijiet għall-impenji** | **0** | **0** | **0** | **0** | **336** | **336** | **336** | **1,008** |
| **Bidla totali fl-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet** | | | | | **17** | **87** | **178** | **282** |

It-tabella tal-qafas finanzjarju inkluża fil-Ftehim Interistituzzjonali[6] hija espressa fi prezzijiet kostanti tal-2004. Għalhekk, l-ammonti f'valuri attwali għandhom jissarrfu fi prezzijiet tal-2004 permezz ta' deflatur fiss ta' 2% fis-sena, f'konformità mal-Punt 16 tal-IIA.

It-Tabella 1 turi l-qafas finanzjarju għall-UE-27 fil-prezzijiet tal-2004 kif modifikati skont il-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

## 3. L-AĠĠUSTAMENT TEKNIKU TAL-QAFAS FINANZJARJU GĦAS-SENA 2011 SKONT IL-MOVIMENTI TAD-DGN (PUNT 16)

It-Tabella 2 turi l-qafas finanzjarju għas-27 tal-UE b'kont meħud tal-aġġustament imsemmi aktar 'il fuq għal-limiti massimi tal-2011-2013 u aġġustat għall-2011 (jiġifieri bil-prezzijiet attwali u espressi bħala perċentwal tad-DGN bl-użu tal-aħħar previżjonijiet ekonomiċi disponibbli).

### *3.1. Ċifra totali għad-DGN*

Skont l-aħħar previżjoni disponibbli, id-DGN għall-2011 huwa stabbilit għal EUR 12 354 021.3 miljun fi prezzijiet kurrenti għall-UE-27 (u għal EUR 11 966 504.7 miljun għall-2010, EUR 11 614 170.1 miljun għall-2009, EUR 12 294 000.1 miljun għall-2008 u EUR 12 206 170.2 miljun għall-2007).

Għas-snin sussegwenti (2012-2013) id-DGN ta' l-UE-27 ġie kkalkulat fuq il-bażi tal-projezzjonijiet interni tal-Kummissjoni għar-rata tat-tkabbir ekonomiku annwali f'termini reali. Dawn il-projezzjonijiet huma indikattivi u se jiġu aġġornati kull sena fuq il-bazi tal-aħħar previżjonijiet ekonomiċi disponibbli.

Id-DGN tal-2010 u l-2011 jinkludi s-servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja mkejla indirettament (FISIM) abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/196/UE, Euratom tas-16 ta' Marzu 2010 sabiex tiġi applikata l-FISIM għall-finijiet tar-riżorsi proprji[7] mill-1 ta' Jannar 2010 'l quddiem.

---

6 Kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali - Il-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tal-enerġija fil-kuntest tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku (ĠU L 347, 24.12.2009, p.26).

7 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/196/UE, Euratom tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-allokazzjoni tas-servizzi tal-intermedjazzjoni finanzjarja mkejla indirettament (FISIM) għall-istabbiliment tad-Dħul Gross Nazzjonali (DGN) użat għall-finijiet tal-baġit tal-Unjoni Ewropea u r-riżorsi proprji tagħha, ĠU L 87, 7.4.2010, p. 31.

### 3.2. *Ir-riżultati ewlenin tal-aġġustament tekniku tal-Qafas Finanzjarju għall-2011 (UE-27)*

Il-limitu globali għall-approprjazzjonijiet għall-impenji għall-2011 (EUR 142 965 miljun) huwa ekwivalenti għal 1.16 % tad-DGN.

Il-limitu globali rispettiv għall-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (EUR 134 280 miljun) huwa ekwivalenti għal 1.09 % tad-DGN. Fuq il-bażi tat-tbassir ekonomiku attwali, dan iħalli marġni taħt il-limitu ta' 1.23 % tar-riżorsi proprji, ta' EUR 17 674 miljun (0.14 % tad-DGN għall-UE-27).

Il-limiti massimi għar-riżorsi proprji u għall-approprazzjonijiet għall-impenji ġew adattati wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni 2010/196 sabiex tiġi applikata l-FISIM għall-finijiet tar-riżorsi proprji[8].

## 4. ELEMENTI OĦRA MARBUTA MAL-AĠĠUSTAMENT TEKNIKU

### 4.1. *Intestatura 5 (Amministrazzjoni)*

Fil-każ tal-intestatura 5, nota ta' qiegħ il-paġna għall-perspettiva finanzjarja tistqarr li ċ-ċifri għall-pensjonijiet inklużi taħt il-limitu massimu għal din l-intestatura għandhom jinħadmu netti mill-kontribuzzjonijiet tal-impjegati għall-iskema tal-pensjonijiet, sa massimu ta' EUR 500 miljun (fi prezzijiet tal-2004) għall-perjodu 2007-2013. Din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata bħala li timponi limitu b'żewġ aspetti fuq l-ammonti mnaqqsa min-nefqa fuq il-pensjonijiet meta jiġi applikat il-limitu massimu tal-intestatura:

– Dan l-ammont ma jistax jaqbeż il-kontribuzzjonijiet attwalment inklużi bħala dħul tal-baġit fi kwalunkwe sena partikolari;

– It-total akkumulat tat-tnaqqis għall-perjodu 2007-2013 ma jistax jaqbeż l-EUR 500 miljun fi prezzijiet tal-2004, ekwivalenti għal medja ta' EUR 71.4 miljun (EUR 82 miljun fi prezzijiet tal-2011).

In-natura rikorrenti tan-nefqa ammistrattiva kienet timponi li l-aktar limitu baxx jiġi adottat kull sena sabiex jiġi evitat li jintuża marġni fil-bidu tal-perjodu li mbagħad ma jibqax għal kollox disponibbli. Fl-2011, l-ammont li għandu jitnaqqas huwa ta' € 82 miljun fi prezzijiet kurrenti.

### 4.2. *Elementi ta' nfiq li mhumiex fil-qafas finanzjarju 2007-2013*

Hemm numru ta' strumenti li huma disponibbli barra mil-limiti tal-infiq miftiehma fil-qafas finanzjarju 2007-2013. Dawn l-istrumenti huma maħsuba li jipprovdu rispons rapidu għal avvenimenti eċċezzjonali jew mhux mistennija, u jipprovdu element ta' flessibilità lil hinn mil-limiti massimi miftiehma tal-infiq b'ċerti limiti:

---

8 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-PE u lill-Kunsill dwar l-adattament tal-limiti massimi tar-riżorsi proprji u tal-limiti massimi għall-approprjazzjonijiet ta' impenn wara d-deċiżjoni li jiġi applikat l-FISIM għall-finijiet tar-riżorsi proprji, COM(2010) 162 finali.

– Ir-*riżerva tal-Għajnuna għall-Emerġenzi*, li tista' tiġi mmobilizzata sa massimu ta' EUR 221 miljun fis-sena fi prezzijiet tal-2004, jew EUR 253.9 miljun fl-2011 fi prezzijiet kurrenti (EUR 1 744 miljun għall-perjodu kollu fi prezzijiet kurrenti);

– il-*Fond tas-Solidarjetà tal-UE*, li l-ammont massimu tiegħu fi prezzijiet kurrenti huwa ta' EUR 1 biljun;

– l-*Istrument tal-Flessibilità*, b'ammont annwali massimu fi prezzijiet kurrenti ta' EUR 200 miljun, flimkien mal-porzjon mill-ammonti annwali mhux użati għas-snin 2008-2010, li jistgħu jiġu trasferiti 'l quddiem għas-sena 2011;

Minbarra dan, se jkun possibbli li jiġi mmobilizzat il-*Fond Ewropew għall-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni* (EGF) sa massimu ta' EUR 500 miljun fis-sena fi prezzijiet kurrenti billi jiġi użat kwalunkwe marġini eżistenti taħt il-limitu massimu globali għall-approprazzjonijiet għall-impenji tas-sena ta' qabel, u/jew impenji mħassra mis-sentejn ta' qabel (minbarra dawk li jirrigwardaw l-intestatura 1b).

## 5. OPERAZZJONIJIET LI MHUMIEX FIL-BAĠIT U R-RIŻORSI PROPRJI

Ir-raba' subparagrafu tal-Punt 11 tal-Ftehim Interistituzzjonali jistqarr illi t-tagħrif relatat mal-operazzjonijiet mhux inklużi fil-baġit ġenerali u l-iżvilupp prevedibbli tad-diversi kategoriji tar-riżorsi proprji għandu jiġi ppreżentat f'tabelli, bħala indikazzjoni, u aġġornat kull sena meta jkun sar l-aġġustament tekniku għall-qafas finanzjarju.

Din l-informazzjoni, aġġornata skont l-aħħar estimi disponibbli, hija ppreżentata fit-Tabelli 3.1 sa 3.2. Hija tkopri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) u l-istruttura tar-riżorsi proprji.

<u>ANNESS</u>

## TABELLA 1: IL-QAFAS FINANZJARJU 2007-2013 AĠĠUSTAT GĦALL-PUNT 17

*(miljuni ta' EUR – prezzijiet kostanti tal-2004)*

| Approprjazzjonijiet għall-impenji | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1. Tkabbir Sostenibbli** | **50,865** | **53,262** | **55,879** | **56,435** | **55,693** | **57,153** | **58,537** | **387,824** |
| 1a Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi | 8,404 | 9,595 | 12,018 | 12,580 | 11,306 | 12,122 | 12,914 | 78,939 |
| 1b Koeżjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi | 42,461 | 43,667 | 43,861 | 43,855 | 44,387 | 45,031 | 45,623 | 308,885 |
| **2. Priżervazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali** | **51,962** | **54,685** | **51,023** | **53,238** | **52,528** | **51,901** | **51,284** | **366,621** |
| li minnhom: nefqa relatata mas-suq u ħlasijiet diretti | 43,120 | 42,697 | 42,279 | 41,864 | 41,453 | 41,047 | 40,645 | 293,105 |
| **3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja** | **1,199** | **1,258** | **1,375** | **1,503** | **1,645** | **1,797** | **1,988** | **10,765** |
| 3a Libertà, Sigurtà u Ġustizzja | 600 | 690 | 785 | 910 | 1,050 | 1,200 | 1,390 | 6,625 |
| 3b Ċittadinanza | 599 | 568 | 590 | 593 | 595 | 597 | 598 | 4,140 |
| **4. L-UE bħala attur globali** | **6,199** | **6,469** | **6,739** | **7,009** | **7,339** | **7,679** | **8,029** | **49,463** |
| **5. Amministrazzjoni** (1) | **6,633** | **6,818** | **6,816** | **6,999** | **7,255** | **7,400** | **7,610** | **49,531** |
| **6. Kumpens** | **419** | **191** | **190** | **0** | **0** | **0** | **0** | **800** |
| **TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI** | **117,277** | **122,683** | **122,022** | **125,184** | **124,460** | **125,930** | **127,448** | **865,004** |
| bħala perċentwal tad-DGN | 1.08% | 1.09% | 1.06% | 1.06% | 1.03% | 1.02% | 1.01% | 1.049% |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-ĦLASIJIET** | **115,142** | **119,805** | **109,091** | **119,245** | **116,899** | **120,649** | **119,933** | **820,764** |
| bħala perċentwal tad-DGN | 1.06% | 1.06% | 0.95% | 1.01% | 0.97% | 0.98% | 0.95% | 1.00% |
| Marġini disponibbli | 0.18% | 0.18% | 0.29% | 0.22% | 0.26% | 0.25% | 0.28% | 0.23% |
| Limitu Massimu tar-Riżorsi Proprji bħala perċentwal tad-DGN | 1.24% | 1.24% | 1.24% | 1.23% | 1.23% | 1.23% | 1.23% | 1.23% |

(1) L-infiq fuq il-pensjonijiet inkluż taħt il-limitu massimu għal din l-intestatura huwa kkalkulat nett mill-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema relevanti, sal-limitu ta' EUR 500 miljun fi prezzijiet tal-2004 għall-perjodu 2007-2013.

## TABELLA 2: IL-QAFAS FINANZJARJU 2007-2013 AĠĠUSTAT GĦALL-2011 U L-PUNT 17

*(miljuni ta' EUR – prezzijiet kurrenti)*

| Approprjazzjonijiet għall-impenji | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | Total 2007-2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1. Tkabbir Sostenibbli** | **53,979** | **57,653** | **61,696** | **63,555** | **63,974** | **66,964** | **69,957** | **437,778** |
| 1a Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi | 8,918 | 10,386 | 13,269 | 14,167 | 12,987 | 14,203 | 15,433 | 89,363 |
| 1b Koeżjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi | 45,061 | 47,267 | 48,427 | 49,388 | 50,987 | 52,761 | 54,524 | 348,415 |
| **2. Priżervazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali** | **55,143** | **59,193** | **56,333** | **59,955** | **60,338** | **60,810** | **61,289** | **413,061** |
| li minnhom: nefqa relatata mas-suq u ħlasijiet diretti | 45,759 | 46,217 | 46,679 | 47,146 | 47,617 | 48,093 | 48,574 | 330,085 |
| **3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja** | **1,273** | **1,362** | **1,518** | **1,693** | **1,889** | **2,105** | **2,376** | **12,216** |
| 3a Libertà, Sigurtċ u Ġustizzja | 637 | 747 | 867 | 1,025 | 1,206 | 1,406 | 1,661 | 7,549 |
| 3b Ċittadinanza | 636 | 615 | 651 | 668 | 683 | 699 | 715 | 4,667 |
| **4. L-UE bħala attur globali** | **6,578** | **7,002** | **7,440** | **7,893** | **8,430** | **8,997** | **9,595** | **55,935** |
| **5. Amministrazzjoni (1)** | **7,039** | **7,380** | **7,525** | **7,882** | **8,334** | **8,670** | **9,095** | **55,925** |
| **6. Kumpensi** | **445** | **207** | **210** | **0** | **0** | **0** | **0** | **862** |
| **TOTAL TAL-Approprjazzjonijiet għall-impenji** | **124,457** | **132,797** | **134,722** | **140,978** | **142,965** | **147,546** | **152,312** | **975,777** |
| bħala perċentwal tad-DGN | 1.02% | 1.08% | 1.16% | 1.18% | 1.16% | 1.15% | 1.14% | 1.13% |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-ĦLASIJIET** | **122,190** | **129,681** | **120,445** | **134,289** | **134,280** | **141,360** | **143,331** | **925,576** |
| bħala perċentwal tad-DGN | 1.00% | 1.05% | 1.04% | 1.12% | 1.09% | 1.10% | 1.07% | 1.07% |
| Marġini disponibbli | 0.24% | 0.19% | 0.20% | 0.11% | 0.14% | 0.13% | 0.16% | 0.16% |
| Limitu Massimu tar-Riżorsi Proprji bħala perċentwal tad-DGN | 1.24% | 1.24% | 1.24% | 1.23% | 1.23% | 1.23% | 1.23% | 1.23% |

(1) L-infiq fuq il-pensjonijiet inkluż taħt il-limitu massimu għal din l-intestatura huwa kkalkulat nett mill-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema relevanti, sal-limitu ta' EUR 500 miljun fi prezzijiet tal-2004 għall-perjodu 2007-2013.

# TABELLA 3: PROGRAMM INDIKATTIV TAL-INFIQ LI MHUX INKLUŻ FIL-BAĠIT ĠENERALI U X-XEJRA PROSPETTIVA FIR-RIŻORSI PROPRJI DIFFERENTI

## PROGRAMM INDIKATTIV TAL-INFIQ LI MHUX INKLUŻ FIL-BAĠIT ĠENERALI U X-XEJRA PROSPETTIVA FIR-RIŻORSI PROPRJI DIFFERENTI

### TABELLA 3.1: IL-FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP

Impenji (I) u Ħlasijiet (Ħ)
(miljuni ta' EUR – prezzijiet kurrenti)

| 2000 | | 2001 | | 2002 | | 2003 | | 2004 | | 2005 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| I | Ħ | I | Ħ | I | Ħ | I | Ħ | I | Ħ | I | Ħ |
| 4,007 | 1,640 | 1,927 | 1,779 | 2,125 | 1,922 | 3,769 | 2,345 | 2,648 | 2,464 | 3,511 | 2,544 |

| 2006 | | 2007 | | 2008 | | 2009 | | 2010 | | 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| I | Ħ | I | Ħ | I | Ħ | I | Ħ | I | Ħ | I | Ħ |
| 3,408 | 2,826 | 3,636 | 2,929 | 2,900 | 3,280 | 3,502 | 3,123 | 3,704 | 3,601 | 3,750 | 4,000 |

Is-serje tirrigwarda l-miżuri ġestiti mill-Kummissjoni. Il-miżuri ġestiti mill-Bank Ewropew għall-Investiment mhumiex inklużi.
L-ammonti għall-perjodu 2001 sal-2004 ġew emendati sabiex jitqies l-impatt tar-regolarizzazzjoni ta' ċerti ħlasijiet magħmula fuq l-istrument Stabex

### TABELLA 3.2: RIŻORSI PROPRJI SKONT IL-KATEGORIJA

| **% tat-total** | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) | 17% | 18% | 12% | 13% | 13% | 14% | 15% | 15% | 16% | 13% | 12% |
| 0.4 | 39% | 29% | 26% | 15% | 16% | 17% | 17% | 18% | 17% | 12% | 11% |
| PGN/DGN | 43% | 43% | 59% | 61% | 72% | 70% | 69% | 67% | 67% | 74% | 77% |

2000-2008: riżultati *(inkluż l-aġġustament retroattiv fl-2002 ta' 15% tal-ammonti miżmuma fl-2001 bħala spejjeż tal-ġbir tar-*
2009: Baġit Emendatorju 10/2009 u 2010: Baġit Adottat 2010.